MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 614/2010

**Vodafone Malta Limited**
**C-10865**

**vs**

**Michael Degiorgio**
**I.D.407775(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, seba' mija u sittax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,716.65) ghal elf u erbgha u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,064.76) prezz ghal servizz ta' internet u telefonija in konnessjoni ma' mobile phone bijn-numru 99880306 rez mis-socjeta' attrici lill-konventu u in kwantu ghal sitt mija u wiehed u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€651.89) prezz ghal servizzi ta' telefonija cellurari rez mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* 7991526.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interess mid-data minn meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u sittax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,716.65) ghal elf u erbgha u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,064.76) prezz ghal servizz ta' internet u telefonija in konnessjoni ma' mobile phone bijn-numru 99880306 rez  mis-socjeta' attrici lill-konventu u in kwantu ghal sitt mija u wiehed u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€651.89) prezz ghal servizzi ta' telefonija cellurari rez mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* 7991526.
Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data minn meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------